## PRIM’AWLA TAL-QORTI ĊIVILI

**ONOR. IMĦALLEF MARK SIMIANA, LL.D**

*Rikors Ġuramentat Numru 118/2022 MS*

**Anna Mercieca**

**Vs.**

**Rita Cini**

Illum, 14 ta’ Lulju 2025

Kawża Numru: 10

Il-Qorti,

1. Rat ir-rikors ġuramentat preżentat mill-attriċi fil-11 ta’ Frar 2022, li permezz tiegħu, wara li ippremettiet dan li ġej:

> Illi Giuseppe sive Joseph Mercieca u Theresa Mercieca, il-ġenituri tal-rikorrenti u intimata, irregolaw il-wirt tagħhom permess ta’ testment *unica carta* fl-atti tan-Nutar Joseph Henry Saydon data is-17 ta’ Novembru, 1983 [kopja annessa bħala **Dok. A**];

Illi permezz ta' l-imsemmi testment, it-testaturi [i] ħallew lil xulxin reċiprokament it-titlu ta' użufrutt tal-beni tagħhom kollha; u [ii] istitwew lil żewġ uliedhom, ossia Anna Mercieca u Rita Cini, bhal eredi universali, fi kwoti ugwali;

Illi nhar is-17 ta' Novembru, 1998 mietet Theresa Mercieca, fejn a bazi ta' l-imsemmi testment u dikjarazzjoni *causa mortis* datata 29 ta' Jannar 1999 [kopja annessa hala **Dok. B**] kwart indiviz [i] tad-dar bl-indirizz 178, Triq Vittorja, Hamrun u [ii] l-garaxx bin-numru 204 [illum 206], Triq il-Vittorja, Hamun intirtu tar-rikorrenti;
Illi sussegwentement l-imsemmi Giuseppe sive Joseph Merceica irregola l-wirt tiegħu permess ta' testement fl-atti tan-Nutar Joseph Tabone, datat 5 ta' Marzu, 2019 [kopja annessa Bhala **Dok. C**], fejn [i] hassar t-testment tiegħu kollha; [ii] halla b'titolu ta' prelegat lil bintu Rita Cini l-fond bin-numru 178, Triq Vittorja, Hamun u halla b'titolu ta' prelegat lil bintu Anna Mercieca l-garaxx bin-numru 204 [illum 206], Triq il-Vittorja, Hamun; u [iii] hatar lil uliedu bħala werrieta universali tiegħu ;

Illi Giuseppe sive Joseph Mercieca, armel minn Marie Therese Mercieca nee' Schembri miet nhar l-25 ta' Frar, 2021, u dan kif jirrizulta skont l-anness ċertifikat tal-mewt mmarkat "**Dok. D**";

Illi nhar l-24 ta' Mejju, 2021 l-imsemmija Anna Mercieca irrinunzjat għal wirt spettanti lilha mis-suċċessjoni ta' missierha Giuseppe sive Joseph Mercieca filwaqt li riżervat u żammet ferm d-dritt tagħha ghas-sehem riżervat lilha spettanti skond il-ligi kif ukoll tal-legat li gie mholli lilha permezz ta' l-ahhar testament ta' l-imsemmi Giuseppe sive Joseph Mercieca ta' nhar il-5 ta' Marzu, 2019;

Illi għaldaqstant, ir-rikorrenti hija sid u/jew għandha d-dritt għal [i] kwart sehem indiviz tal-fond bl-indirizz 178, Triq Vittorja, Hamrun li gja wirtet minghand ommha; [ii] l-garaxx bin-numru 204 [illlum 206], Triq il-Vittorja, Hamun li nghata lilha permess ta' legat; u [iii] is-sehem riżervat skond il-ligi spettiani lilha mil-wirt ta' missierha Giuseppe sive Joseph Mercieca;

Illi nonostante li permezz ta' ittra ufficjali datat 21 Gunju, 2021 [kopja annessa bhala **Dok. E**] r-rikorrenti talbet l-intimata *qua* l-eredi universali sabiex [i] tipprovdi elenku ġuramentat ta' l-attiv u l-passiv kollu tal-mibki Joseph Mercieca, inkluż l-istimi peritali u r-rendikonti bankarji u finanzjarji, u dan sabiex jigi stabbilit l-porzjoni riżervat skond il-ligi, kif ukoll [ii] taddivjeni sabiex jigi transferit l-legat imholli lir-rikorrenti, l-intimata baqgħet inadempjenti, u permezz ta' ittra uffiċjali datata 9 ta Gunju, 2021 [kopja annessa bhala **Dok. F]** talbet sabiex r-rikorrenti tersaq u tiffirma d-dokumenti u l-atti kollha sabiex jgħaddi l-legat imholli lil intimata ossia l-fond 178, Triq il-Vittorja, Hamrun;

Illi għalhekk kellha issir il-kawza *de quo*;

Illi r-rikorrenti taf b'dawn il-fatti personalment.

hija għaddiet biex titlob lil din il-Qorti, prevja kwalsiasi dikjarazzjoni, provvediment u ordni opportuni, jogħġobha:

1. Tiddikjara li l-garaxx bin-numru 204 [illum 206], Triq il-Vittorja, Ħamrun għandu jigi trasferit lir-rikorrenti;

2. Tiddikjara li r-rikorrenti hija sid kwart indivizz tal-fond 178, Triq Vittorja, Ħamrun;

3. Tiddijara li r-rikorrenti għandha dritt ghas-sehem riżervat fil-liġi;

4. Tillikwida, is-sehem riżervat okkorendo bin-nomina ta' periti u komputisti sabiex jigi hekk iffisat l-imsemmija somma;

5. Tikkundanna lil-intimata sabiex taddivjeni sabiex isir it-trasferiment tal-fond bl-indirizz 204 [illum 206], Triq il-Vittorja, Ħamrun u tordna li l-intimat taddevjeni ghal ppublikat ta' l-att relattiv ta' l-imissjoni fil-pussess ta' imsemmi fond;

6. Tikkundanna lill-intimata sabiex tħallas lir-rikorrenti s-sehem lilha riservat mill-ligi stabbilit skond is-somma hekk likwidata;

7. Taħtar Nutar Pubbliku sabiex f'jum, hin u lok stabbilit minn din l-Onorabbli Qorti jippublika l-att relattiv tat-trasferiment u/jew imissjoni fil-pussess tal-legat imholli lir-rikorrenti bit-testment ta' Giuseppi sive Joseph Merceica fl-atti tan-Nutar Joseph Tabone tal-5 ta' Marzu 2019;

8. Taħtar kuraturi deputati sabiex jirraprezentaw lil intimata jekk tonqos milli tidher ghall-pubblikazzjoni relattiv;

B'riżerva ghal kull azzjoni ohra spettanti lir-rikorrenti u bl-ispejjez, inkluzi dawk tal-ittra ufficjali tal-21 ta' Gunju, 2019 u bl-imghaxijiet legali kontra l-intimta li minn issa hija ngunta in subizzjoni.

2. Rat ir-risposta ġuramentata preżentata mill-konvenuta fl-24 ta' Marzu 2022[1], li permezz tagħha hija wieġbet hekk:

[1] Fol.25.

1. Illi minghajr pregudizzju ghall-eccezzjonijiet ssusegwenti jigi eccepit illi t-talbiet t'Anna Mercieca ghandhom jigu michuda bl-ispejjez stante li huma infondati fil-fatt u fid-dritt;

2. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost jigi eccepit illi b'mod partikolari rigward il- fond 178, Triq il-Vittorja, Hamrun, Anna Mercieca certament li ma hijiex is-sid ta' kwart indiviz tieghu;

3. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost jingħad li filwaqt li Anna Mercieca tippretendi li l-garaxx riferut fit-testment bin-numru 204 Triq il-Vittorja, Hamrun ghandu jigi trasferit lilha u dan permezz ta' legat imholli lilha, izda imbagħad tippretendi li hija is-sid ta' kwart indiviz tal-fond 178, Triq il-Vittorja, Hamrun meta dan l-istess fond thalla b'legat lil Rita Cini;

Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Bl-ispejjez kontra Anna Mercieca li hija minn issa ingunta in subizzjoni.

3. Rat li mar-risposta ġuramentata tagħha, il-konvenuta ressqet ukoll rikonvenzjoni, li permezz tagħha wara li ppremettiet hekk:

Illi Giuseppe sive Joseph Mercieca u Theresa Mercieca, il-genituri tar-rikonvenzjonanta Rita Cini u r-rikonvenzjonata Anna Mercieca, irregolaw il-wirt taghhom permezz ta' testament unica charta fl-atti tan-Nutar Joseph Henry Saydon datat is-17 ta' Novenbru 1983 (kopja annessa u mmarkata bhala Dok. A);

Illi permezz tal-imsemmi testament, it-testaturi hallew lil xulxin reciprokament it-titlu tal- uzufrutt tal-beni taghhom kollha filwaqt illi istitwixxew liz-zewg uliedhom Anna Mercieca u Rita Cini bhala eredi universali fi kwoti indaqs bejniethom;

Illi fit-30 ta' Novembru 1998 mietet Theresa Mercieca fejn a bazi tal-imsemmi testament u dikjarazzjoni causa mortis datata 29 ta' Jannar 1999 (kopja annessa u mmarkata bhala Dok B) kwart inidviz tad-dar bin-numru 178, li tinsab fi Triq il-Vittorja, Hamrun u kwart indiviz tal-garaxx kif deskritt fit-testment bin-numru 204 li jinsab fi Triq il-Vittorja, Hamrun, intirtu minn Rita Cini;

Illi sussegwentament l-imsemmi Giuseppe sive Joseph Mercieca irregola l-wirt tieghu permezz ta' testment fl-atti tan-Nutar Joseph Tabone datat 5 ta' Marzu 2019 (kopja annessa u markata bhala Dok C), fejn filwaqt illi hassar it-testmenti tieghu kollha, huwa halla b'titolu ta' prelegat lil bintu Rita Cini bis-sostituzzjoni volgari ta' wliedha l-fond

bin-nurmru 178 li jinsab fi Triq il-Vittorja l-Hamrun u dak kollu li jkun jinsab mill-ghatba l-gewwa flimkien mad-depoziti kollha bankarji u lil bintu Anna Mercieca bis-sostituzzjoni volgari ta' wliedha l- garaxx kif deskritt fit-testment bin-numru 204 fi Triq il-Vittorja, Hamrun;

Huwa halla liz-zewg uliedu Rita Cini u Anna Mercieca bhala werrieta universali tieghu;

Illi Giuseppe sive Joseph Mercieca miet fil-25 ta' Frar 2021 u dan kif jirrizulta skond l-anness certifikat tal-mewt mmarkat Dok D;

Illi ghalhekk Rita Cini ghandha dritt ghal u/jew hija s-sid tad-depoziti kollha bankarji li kienu f'isem Giuseppe sive Joseph Mercieca, ghandha dritt ghal u/jew hija s-sid tal-fond bl-indirizz 178, Triq il-Vittorja, il-Hamrun li ngħata lilha permezz ta' legat u ghandha dritt ghal u/jew hija s-sid tal-kwart sehem indiviz tal-garaxx kif deskritt fit-testment bin-numru 204 li jinsab fi Triq il-Vittorja, il-Hamrun li hija wirtet minghand ommha Anna Mercieca;

Illi minkejja l-ittra ufficjali (annessa u mmarkata bhala Dok E) mibghuta minn Rita Cini lil Anna Mercieca, l-istess Anna Mercieca baqghet inadempjenti;

Illi għalhekk kellha ssir din il-kawza;

ipproċediet biex titlob lil din il-Qorti, prevja kwalsiasi dikjarazzjoni, provediment u ordni opportuna, jogħġobha:

1. Tiddikjara li id-depoziti bankarji kollha li huma f'isem id-decuius Giuseppe sive Joseph Mercieca jippartjenu kollha lil Rita Cini;

2. Tiddikjara li l-fond bin-numru 178 li jinsab fi Triq il-Vittorja, il-Hamrun ghandu jigi trasferit lil Rita Cini;

3. Tiddikjara li Rita Cini hija sid tal-kwart indiviz tal-garage fit-testment riferut bin-numru 204 li jinsab fi Triq il-Vittorja, il-Hamrun;

4. Tikkundanna lil Anna Mercieca sabiex taddivjeni sabiex isir it-trasferiment tal-fond bin- numru 178 li jinsab fi Triq il-Vittorja, il-Hamrun u tordna lil Anna Mercieca taddevjeni ghal pubblikat ta' l-att relattiv tal-immissjoni fil-pussess tal-imsemmi fond;

5. Tahtar Nutar Pubbliku sabiex f'jum, hin u lok stabbilit minn din l-Onorabbli Qorti jippublika l-att relattiv tat-trasferiment u/jew immissjoni fil-pussess tal-legat imholli lil

Rita Cini bit-testment ta' Giuseppi sive Joseph Mercieca fl-atti tan-Nutar Joseph Tabone tal-5 ta' Marzu 2019;

6. Tahtar Kuraturi Deputati sabiex jirraprezentaw lill-Anna Mercieca jekk tonqos milli tidher ghall-pubblikazzjoni relattiv;

B'rizerva ghal kull azzjoni ohra spettanti lil Rita Cini u bl-ispejjez inkluzi dawk tal-ittra ufficjali tad-9 ta' Gunju 2021 u bl-imgħaxijiet legali kontra Anna Mercieca li minn issa hija in subizzjoni

4. Rat li l-attriċi wieġbet għar-rikonvenzjoni tal-konvenuta b'risposta ġuramentata preżentata fit-12 t'April 2022[2], li biha hija eċċepiet hekk:

1. Illi t-talbiet imressqa fil-kontro talba intavolata mill-konvenuta huma infondati fil-fatt u fid-dritt u dan kif sejjer jgi ppruvat fil-mori tal-kawza, u għandhom jiġu miċħuda bl-ispejjeż;

2. Illi fil-testment tiegħu tal-5 ta' Marzu, 2019 Giuseppe sive Joseph Merceica, missier il-kontendenti, għamel żewġ legali *di cosa altrui.* Illi difatti fl-imsemmi testment, it-testatur isemmi kif huwa konsapevoli ta dan meta jgħid "*..li huwa jaf li dawn il-propjetajiet ma jappartjenux internament lilu...*";

3. Illi permezz ta' nota ippreżentata fl-24 ta' Mejju, 2021 Anna Mercieca irrinunzjat ghal wirt spettanti lilha mis-suċċessjoni ta' missierha skond it-testment tal-5 ta' Marzu, 2019 iżda riżervat u żammet ferm id-dritt tagħha ghas-sehem riżervat skond il-ligi kif ukoll tal-legat li gie mholli lilha;

4. Illi l-artikolu 916 tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta huwa ċar fejn jgħid li : *Il-werriet illi jirrinunzja għas-suċċessjoni jista', b'dan kollu, iżomm id-donazzjoni, jew jitlob il-legat li jkun ġie mħolli lilu, sa l-ammont tas-sehem li minnu l-mejjet seta' jiddisponi, bla ħsara, kemm-il darba dan il-werriet jitlob il-sehem riżervat li jkunu imissu skont il-liġi, tad-dispożizzjonijiet tal-artikolu 620(4)*

5. Illi nonostante li Anna Mercieca irrinunzjat ghal wirt ta' missierha, kif spjegat hawn fuq, xorta waħda baqghat propjetarja` ta' dak ta' ommha, konsistenti fis-sehem indiviz ta' kwart [1/4] tad-dar 178, Triq il-Vittorja, Hamrun kif ukoll garage numru 204, Triq il-Vittorja Hamrun. Hija għalhekk propjetarja assoluta ta' l-imsemmi kwart. Dan huwa l-wirt t'ommha li hi tant snin ilu aċċettat. Dan jirrizulta mit-

[2] Fol.44.

testment *unica carta*. *Multo magis* l-imsemmi wirt giet anke denunzjat mal-Kummissarju tat-taxxi interni.

6. Illi għalhekk isewgi li t-tieni talba tal-konvenuta rikonvenzjonata għanda tigi miċħuda stante li l-esponenti għandha sehem indiviz mill-fond bl-indirizz 178, Triq il-Vittorja, Hamrun

7. Illi kif inhu ben magħruf u kif sejjer jigi sostanzjata ulterjorment fil-mori tal-kawża, huwa l-eredi universali li jassumi l-obbligi li jwettaq dak imwiegħed mit-testatur, fosthom il-legati. Illi Rita Cini għamlet kull att ta *atto di erede*, u difatti t-talbiet tagħha huma a bażi li hija l-eredi universali;

8. Illi għalhekk fir-rigward tal-garage, Anna Mercieca diġà kellha kwart indiviz, u permezz tat-testment tal-5 ta' Marzu, 2019 għandha tirċievi r-rimanenti tlett kwarti, li minnhom Rita Cini *qua* eredi universali għandha l-obbligu li tgħaddi lil Anna Mercieca. Illi għalhekk isewgi wkoll li t-tielet talba hija insostenibbli u għandha tigi miċħuda;

9. Illi mingħajr preġudizzju ghall-premess, l-ewwel talba għandha wkoll tiġi miċħuda u dan stante li l-kontijiet bankarji jikkontjenu flejjes li kienu jappartjenu liż-żewġ ġenituri tal-partijiet;

10. Illi mingħajr preġudizzju ghall-premess, fir-rigward l-depożiti bankarji, l-ewwel u qabel kollox irid jigi stabbilit x'inhu is-sehem riservat mill-ligi, u sabiex dan isehh hemm bżonn stimi peritali tal-garage u d-dar, kif ukoll rendikont tal-flejjes fil-banek. A bażi ta' tali komputazzjoni biss jista' jiġi deċiż jekk il-depożiti bankarji ghaddhom jghaddu lil Rita Cini fl-intir tagħhom, jew jekk bilanċ għandu jgħaddi lil Anna Mercieca. Nonostante li Rita Cini ġiet debitament interpellata permezz ta' ittra uffiċjali sabiex tipprovdi elenku ta' l-attiv u l-passiv ta' Joseph Tabone, hija baqgħat inadempjenti;

11. Illi mingħajr preġudizzju ghall-premess u fi kwalunwek kaz, il-porzjon riżervat huwa kreditu b'dana li dak dovut lilha għadu jithallas mill-istess kontijiet bankarji;

12. Illi mingħajr preġudizzju ghas-suespost la darba l-esponenti irrinunzja għal wirt ta' missierha, hija ma hijiex werrieta b'dana li ma tistax tidher ghall-immissjoni fil-pussess u għalhekk r-raba talba tal-konvenuta rikonvenzjonata hija insostenibbli u għanda tigi miċħuda, b'dana li jswegi li l-hames u sitt talbiet ta' l-istess konventa rikonvenzjonata wkoll għandhom jiġu miċħuda;

13. Illi mingħajr preġudizzju ghas-suespost, it-talbiet fil-kontro talba huma monki, konfliġġenti u inisostenibbli; *in primis* it-tieni u t-tielet talba. Dan għaliex jew wiehed [i] jimxi mat-testment, jew [ii] in vista tar-rinunzja tal-wirt

> ghandu jimxi skond it-testment iżda skond dak regolat mil-ligi, li hija suprema. Għalhekk jew it-talbiet attriċi għandhom jiġu milqugħa, jew il-Qorti tiċħad l-istess b'dan li dak mholli fit-Testment jigi ordnat. Iżda huwa għal kollox konfliġġenti li l-fond 178, Triq il-Vittorja, Ħamrun jigi trasferit lil Rita Cini u fl-istess nifs jiġi dikjarat li Rita Cini hija sid kwart tal-garage fi Triq il-Vittorja, Ħamrun;
>
> 14. Illi mingħajr preġudizzju ghall-premess u in kwantu għall-ispejjeż, l-esponenti tirrileva li ija ma għandiex tigi kundannata thallas spejjez u dan stante li kienet proprju l-konvenuta rikonvenjonzjonata li oggezzjonat li taghti sehem l-esponenti kif spettanti lilha mill-ligi.
>
> 15. Salv eċċezzjonijiet ulterjuri.
>
> 16. Bl-ispejjeż kontra Rita Cini, inkluzi dawk tal-ittra uffiċjali tal-21 ta' Gunju, 2019 u bl-imgħaxijiet legali kontra l-intimta li minn issa hija ngunta in subizzjoni.

5. Semgħet ix-xhieda prodotti;

6. Rat id-dokumenti eżebiti, kif ukoll l-atti proċesswali fl-intier tagħhom;

7. Rat is-sottomissjonijiet bil-miktub li ġew preżentati;

8. Rat li l-kawża ġiet imħollija għall-udjenza tal-lum sabiex tingħata s-sentenza;

Ikkunsidrat:

9. Illi din hija kawża dwar tilwima bejn żewġ aħwa fuq is-suċċessjoni tal-ġenituri tagħhom. Il-Qorti sejra qabel xejn tagħmel riassunt tal-fatti rilevanti.

10. Il-kontendenti huma l-uniċi ulied ta' Giuseppe Mercieca u Theresa Mercieca.

11. Theresa Mercieca mietet fit-30 ta' Novembru 1998[3]. Is-suċċessjoni tagħha hija regolata minn testment *unica charta* magħmul flimkien ma' żewġha fl-atti tan-Nutar Joseph Henry Saydon fis-17 ta' Novembru 1983[4]. Permezz ta' dan it-testment, hija (i) ħalliet lil żewġha b'legat l-użufrutt tal-beni kollha tagħha, bl-

---

[3] Fol.198.
[4] Fol.7.

eżenzjoni mill-obbligi tal-formazzjoni tal-inventarju u tal-prestazzjoni tal-kawzjoni; (ii) eżentat lill-uliedha mill-obbligu tal-kollazzjoni; (iii) innominat bħala eredi universali liż-żewġ uliedhom fi kwoti ugwali bejniethom u bis-sostituzzjoni volgari ta' wliedhom f'każ ta' premorjenza, kif ukoll bid-dritt t'akkrexximent fl-assenza ta' ulied; (iv) akkordat lill-żewġha superstiti l-fakultà li jvarja t-testment tiegħu mingħajr ma jinkorri fil-penalità maħsuba fil-liġi.

12. Fost il-ġid imħolli minn Theresa Mercieca, kien hemm nofs indiviż tad-dar ta' residenza bin-numru mija u tmienja u sebgħin fi Triq il-Vitorja fil-Ħamrun, kif ukoll nofs indiviż tal-garaxx bin-numru mitejn u erbgħa wkoll fi Triq il-Vitorja fil-Ħamrun[5].

13. Ġara illi Giuseppe Mercieca għamel użu mill-fakultà li jvarja t-testment tiegħu billi b'testment ieħor magħmul fl-atti tan-Nutar Joseph Tabone fil-5 ta' Marzu 2019[6], huwa ħassar it-testmenti preċedenti tiegħu, u filwaqt li ħatar lill-uliedu bħala werrieta universali tiegħu, ordna is-segwenti legat:

> It-testatur qed iħalli b'titolu ta' prelegat lil bintu Rita Cini bis-sostituzzjoni volgari ta' wliedha l-mezzanin bin-numru mija u tmienja u sebgħin (178) Triq il-Vittorja l-Ħamrun b'dak kollu li jkun jinsab mill-għatba 'l ġewwa flimkien mad-depożiti kollha bankarji u lil bintu Anna Mercieca bis-sostituzzjoni volgari ta' wliedha l-garaxx bin-numru mitejn u erbgħa (204) Triq il-Vittorja Ħamrun. It-testatur jistqarr li hu jaf li dawn il-proprjetajiet ma jappartjenux interament lilu iżda xorta waħda jrid u jordna li dawn il-proprjetajiet jittieħdu fl-intier tagħhom.

14. Giuseppe Mercieca miet fil-25 ta' Frar 2021[7].

15. L-attriċi irrinunzjat għall-eredità ta' missierha, b'riżerva għas-sehem riżervat spettanti lilha kif ukoll għal-legat imħolli lilha, b'nota preżentata fil-Qorti Ċivili (Sezzjoni ta' Ġurisdizzjoni Volontarja) fl-24 ta' Mejju 2021[8].

---

[5] Ara d-dikjarazzjoni *causa mortis* magħmula fl-atti tan-Nutar Joseph Tabone fid-29 ta' Jannar 1999, a fol.11.
[6] Fol.13.
[7] Fol.14.
[8] Fol.55.

16. Il-konvenuta, b'ittra uffiċċjali tad-9 ta' Ġunju 2021[9], sejħet lill-attriċi biex tersaq għall-att ta' trasferiment tal-legat imħolli lilha fit-testment ta' Giuseppe Mercieca, liema ittra ġiet notifikata lill-attriċi fit-12 ta' Ġunju 2021. B'ittra uffiċċjali tal-21 ta' Ġunju 2021[10], l-attriċi, filwaqt li għarrfet lill-konvenuta li hija kienet irrinunzjat għall-eredità ta' missierha, sejħet lill-konvenuta biex tipprovdiha b'elenku maħluf tal-attiv u l-passiv tal-mejjet missierhom, u sabiex tersaq għall-att neċessarju biex jiġi trasferit il-legat imħolli lilha. Ma jirriżultax li din l-ittra uffiċċjali ġiet notifikata.

17. Fil-kors tal-kawża, inħatar perit tekniku li b'relazzjoni preżentata fit-3 t'Ottubru 2022, u maħlufa fis-16 ta' Novembru 2022[11], stma l-valur tal-immobbli li kellhom il-ġenituri tal-kontendenti, fid-data tal-mewt ta' Giuseppe Mercieca, fis-somma ta' €185,000 b'riferenza għall-fond bin-numru 178, Triq il-Vittorja, Ħamrun, u fis-somma ta' €32,000 b'riferenza għall-garaxx bin-numru 204 fl-istess triq u lokalità. Il-kontendenti eskutew lill-perit tekniku, li kkonferma l-valutazzjonijiet magħmula minnu[12].

18. Irriżulta wkoll li saż-żmien tal-mewt tiegħu, Giuseppe Mercieca kellu wkoll is-segwenti flejjes depożitati f'ismu:

- €12,216.11 f'kont ta' tfaddil miżmum ma' Bank of Valletta plc[13];
- €10,030.42 f'kont ta' terminu fiss ma' Bank of Valletta plc[14];
- €2,988.41 f'kont ta' tfaddil miżmum ma' HSBC Bank Malta plc[15];
- €23,293.73 f'kont ta' terminu fiss ma' HSBC Bank Malta plc[16].

19. B'kuntratt tad-9 ta' Frar 2021 magħmul fl-atti tan-Nutar Chantelle Borg[17], Giuseppe Mercieca xtara qabar fiċ-ċimiterju ta' Santa Maria Addolorata.

---

[9] Fol.19.
[10] Fol.16.
[11] Fol.66.
[12] Fol.144 u fol.156.
[13] Fol.99.
[14] Fol.102.
[15] Fol.136.
[16] Fol.141.
[17] Fol.167.

20. Il-konvenuta ressqet prospett maħluf flimkien ma' dokumenti biex turi l-passiv li kien hemm fl-eredità tal-missier[18]. Minn dan il-prospett, il-Qorti qed tammetti bħala passiv tal-eredità dawn li ġejjin:

- is-somma ta' €41.28 imħallsa għall-kontijiet ta' dawl u ilma tal-proprjetà tat-testatur[19]. L-ammont verjuri pretiż mill-konvenuta mhux qed jiġi aċċettat, billi kull ammont li sar dovut <u>wara</u> l-mewt tat-testatur ma jiġix dejn tal-eredità imma dejn tal-eredi;
- ħlas ta' taxxa fis-somma ta' €462[20];
- is-somma ta' €45.18 rappreżentanti rifużjoni tal-pensjoni tas-servizz imħallsa mill-konvenuta, billi parti minn dan il-ħlas kien ikopri perjodu wara l-mewt tat-testatur[21]. Billi l-ħlas sħiħ, inkluż dak li ġie rifuż, huwa nkluż fil-bilanċi fuq indikati, huwa xieraq li din ir-rifużjoni titnaqqas;
- is-somma ta' €1,875.90 rappreżentanti l-ispejjeż tal-funeral[22].

21. Il-konvenuta fil-prospett tagħha inkludiet ukoll dawn li ġejjin:

- €5 għal applikazzjoni tal-ARMS. Ma jirriżultax dwar x'hiex saret din l-applikazzjoni;
- is-somma ta' €805.19 li hija rrifondiet lid-Dipartiment tas-Sigurtà Soċjali fit-28 t'Ottubru 2021[23]. Dan l-ammont jirrappreżenta ħlas ta' pensjoni dovuta għal żmien <u>wara</u> l-mewt ta' Giuseppe Mercieca, li allura kellha tiġi rifuża. Il-Qorti mhux se tqis din is-somma għaliex il-bilanċi tal-kontijiet bankarji kkunsidrati aktar qabel ma jinkludux il-ħlas żejjed li ġie rifuż;
- xiri ta' materjal għall-bejt u terrazzin. Din l-ispiża[24] wkoll ġiet inkorsa żmien <u>wara</u> l-mewt tat-testatur, u għalhekk ma jirrappreżentax dejn tal-eredità;
- spejjeż għall-quddies għal ruħ il-ġenituri tal-kontendenti u ħlas ta' serviġi lil Paul Cini, fl-ammont ta' €24,000. Il-konvenuta xehdet li dawn il-ħlasijiet saru

---

[18] Fol.197.
[19] Fol.213-214.
[20] Fol.234-235.
[21] Fol.239-240.
[22] Fol.241-242.
[23] Fol.236.
[24] Fol.238.

skont ordni verbali li kien ta missierha[25]. Dawn il-ħlasijiet saru wara l-mewt ta' Giuseppe Mercieca[26].

22. Il-konvenuta xehdet illi hija kienet miż-żmien li fih kienet ħajja ommhom tgħin lill-ġenituri tagħha, u dan billi tgħin fit-tindif tad-dar, ħasil ta' ħwejjeġ u qadi[27]. Meta ommha mardet, kienet tgħin fil-kura tagħha u fil-visti mediċi li kien ikollha bżonn tagħmel. Wara l-mewt ta' ommha, hija kienet baqgħet tassisti lill-missierha fil-ħasil tal-ħwejjeġ u fit-tisjir. Hi xehdet li għalkemm talbet lill-attriċi tgħin ukoll, din ma kinitx tassisti, jew inkella l-assistenza tagħha kienet tkun limitata ferm[28]. Per eżempju, xehdet li hija kienet issajjarlu kuljum lill-missier[29], iżda li oħtha kienet tagħmillu biss brodu xi kultant. Meta beda jgħaddi ż-żmien, hija kienet tgħinu wkoll f'dak li kellu bżonn għal saħħtu, bħal per eżempju tħallatlu d-duwa li kien jidlek għall-kondizzjoni fil-ġilda li kellu[30], jew iddewwilu ferita li kellu f'saqajh[31]. Kienet ukoll twasslu regolarment l-isptar, u żewġha Paul kien jagħmel kull ma jqabbdu fid-dar, bħal tiswijiet u manutenzjoni. Il-konvenuta qalet li missierha qatt ma ta xejn lilha jew lil żewġha għall-għajnuna li tagħtu, b'dan li missierha kien jirrifondi l-ispejjeż li kienu jsiru[32]. Fl-aħħar ta' ħajtu, Giuseppe Mercieca kien għadu jgħix fid-dar tiegħu. Il-konvenuta u żewġha joqogħdu f'Ħal Tarxien. Jidher li Giuseppe Mercieca kien iħoss debitu ta' gratitudni mal-konvenuta, u kien għalhekk li bidel it-testment tiegħu[33].

23. Waqt il-kontro-eżami tagħha, il-konvenuta kkonfermat li missierha kien jgħaddilha somma biex tagħmel tajjeb għall-ispejjeż li kienet tinkorri. Fil-bidu, ċjoè meta mietet ommha, kien jagħtiha Lm10 kull ġimgħatejn, u sakemm ġie biex miet kien jagħtiha €250 fix-xahar[34].

[25] Ara x-xiehda in kontro-eżami tal-konvenuta, a fol.260.
[26] Fol.269.
[27] Ara x-xiehda tal-konvenuta, a fol.171.
[28] Fol.173.
[29] Ara wkoll ix-xiehda ta' Paul Cini, a fol.184.
[30] Ara x-xiehda tal-konvenuta, a fol.174.
[31] Ara x-xiehda ta' Paul Cini, a fol.185.
[32] Ara x-xiehda tal-konvenuta, a fol.175.
[33] Ara x-xiehda bl-affidavit ta' Carmen Debono, a fol.194.
[34] Ara x-xiehda tal-konvenuta, a fol.177.

24. Żewġ il-konvenuta xehed illi s-servizzi li huwa presta lill-kunjatu tiegħu għamilhom «minn qalbu», għax kien iqisu daqs missieru[35].

Ikkunsidrat:

25. Illi d-diversi kwistjonijiet li jiffurmaw il-meritu ta' din il-kawża jistgħu jiġu riassunti kif ġej:

    i. il-ħlas tal-legat imħolli lill-attriċi;
    ii. il-ħlas tal-legat imħolli lill-konvenuta;
    iii. il-likwidazzjoni tas-sehem riżervat dovut lill-konvenuta.

26. Il-Qorti sejra tqis kull kwistjoni separatament sabiex tasal għad-deċiżjoni tagħha dwar it-talbiet u l-eċċezzjonijiet kollha li l-kontendenti ressqu fil-konfront ta' xulxin.

27. Tajjeb li jingħad li fin-nota ta' sottomissjonijiet tagħha, il-konvenuta donnha varjat il-pożizzjoni tagħha minn kif oriġinarjament imfissra fir-risposta ġuramentata u fir-rikonvenzjoni preżentati minnha. Fil-qosor, hija mhux topponi għall-immissjoni mitluba mill-attriċi, b'dan li l-legat imħolli għandu jittieħed akkont tas-sehem riżervat. Peress illi t-talbiet rikonvenzjonali u l-eċċezzjonijiet tal-konvenuta baqgħu formalment l-istess, il-Qorti xorta sejra tippronunzja ruħha dwarhom skont kif ġew oriġinarjament dedotti.

*<u>Il-ħlas tal-legat imħolli lill-attriċi</u>*

28. Kif ingħad, fit-testment tiegħu tal-5 ta' Marzu 2019, Giuseppe Mercieca ħalla legat lill-attriċi konsistenti mill-garaxx bin-numru 204, fi Triq il-Vittorja fil-Ħamrun. Fl-istess legat, huwa ddikjara li jaf li din il-proprjetà ma kinitx tiegħu fl-intier tagħha.

[35] Ara x-xiehda ta' Paul Cini, a tergo ta' fol.189.

29. Mill-provi jirriżulta li meta miet it-testatur, dan il-garaxx kien jappartjeni lilu in kwantu għal nofs indiviż biss. In-nofs indiviż l-ieħor ta' dan il-garaxx kien diġà iddevolva fuq il-kontendenti f'ishma ugwali wara l-mewt ta' ommhom.

30. Il-legat ta' ħaġa ta' ħaddieħor huwa prinċipalment regolat mill-artikoli 696 u 697 tal-Kodiċi Ċivili, li jgħidu hekk:

> 696.(1) Il-legat tal-ħaġa ta' ħaddieħor ma jiswiex, ħlief jekk ikun hemm iddikjarat fit-testment illi t-testatur kien jaf li l-ħaġa kienet ta' ħaddieħor u mhux tiegħu; f'dan il-każ il-werriet jista' jagħżel jew li jakkwista l-ħaġa mħollija b'legat sabiex igħaddiha lil-legatarju, jew li jħallas lil-legatarju l-valur ġust tagħha.
> (2) Iżda, jekk il-ħaġa hekk imħollija b'legat, għalkemm tkun ta' ħaddieħor fi żmien it-testment, tkun saret proprjetà tat-testatur fi żmien il-mewt tiegħu, il-legat ta' dik il-ħaġa huwa validu.
>
> 697. Id-dispożizzjonijiet tal-aħħar artikolu qabel dan igħoddu wkoll jekk il-ħaġa mħollija b'legat tkun tal-werriet, jew tal-legatarju inkarigat fit-testment biex jagħtiha lil terza persuna.

31. Huwa ċar mill-provi li l-konvenuta, li hija sidt ta' kwart indiviż mill-garaxx in kwistjoni, aċċettat l-eredità ta' missierha. Sa miż-żmien tal-*corpus iuris civilis* imfassal fuq ordni ta' Ġustinjanu, il-legat ta' ħaġa ta' ħaddieħor kien ikkunsidrat bħala validu u produċenti effetti ġuridiċi. Insibu spjegat hekk:

> Si può lasciare in legato:
> La cosa del testatore, quella dell'erede o di altri, purchè il testatore abbia saputo la cosa esser d'altri. Ben inteso che in quest'ultimo caso il legato conferisce non la proprietà, poichè il testatore non l'aveva, ma sibbene un diritto di credito, un'azione contro l'erede, perchè questi dia la cosa ovvero la sua valuta[36]

32. Din il-pożizzjoni ġiet addottata anki fid-dottrina legali moderna. Kif kiteb ***Pacifici Mazzoni***:

> L'effetto di questo legato genera a carico dell'erede un'obligazione alternativa, o di acquistare la cosa legata

[36] ***Ortolan***, Spiegazione Storica delle Istituzioni dell'Imperatore Giustiniano (Napoli, 1856), Vol.I, pġa.476.

per rimetterla al legatario, o di pagarne a questo il giusto prezzo. La scelta, e secondo i principi generali di diritto, e secondo la lettera dell'art.837, appartiene all'erede; infatti, quanto al primo argomento, l'erede è debitore del legato, e l'art.1178 stabilise che la scelta appartiene al debitore, se non è stata espressamente concessa al creditore; quanto al secondo argomento, il succitato art.837 dichiara essere in *facoltà* dell'erede, ecc., e questa espressione non può riferirsi che alla scelta.

La scelta, o la facoltà di dare la cosa o il giusto prezzo, è concessa all'erede incondizionatamente; egli quindi può sin da principio scegliere di pagare il prezzo della cosa legata, senza premettere veruna pratica appresso del proprietario per farne l'acquisto. Veramente il testatore, nel lasciare al legatario la cosa di un terzo, ebbe precipuamente in animo di fargli aver questa in natura; chè altrimenti gli avrebbe legato una somma di danaro rispondente al valore della cosa; e perciò, a dar piena soddisfazione alla volontà di lui, l'erede dovrebbe essere costretto a fare ogni diligente opera per ottenere a giusto prezzo l'alienazione della medesima; e tale era infatti la regola romana. Ma è piacuto al nostro legislatore di favorire l'erede, dispensandolo da tale obbligo, e rimettendo il tutto a suo arbitrio; e particolarmente non manca di utilità, evitando che il legatario voglia intromettersi di soverchio in questa faccenda, allegando, o che l'opera per l'acquisto fu fiacca, che l'insuccesso delle trattative debbesi all'avarizia dell'erede che si rifiuta di soddisfare alle legittime pretese del proprietario, e via discorrendo...
Se l'erede sceglie il primo partito, e trova il proprietario assenziente all'alienazione, egli può acquistare la cosa in suo nome per rimetterla al legatario, giusta la letterale prescrizione dell'art.837. Ma può anche acquistarla pel legatario, soddisfacendo del suo tutte le obbligazioni derivanti dall'acquisto, o ad esse inerenti, e in specie la tassa del registro.
Se l'eredo sceglie il secondo partito, è obbligato a pagare al legatario il *giusto* prezzo della cosa legata. Il giusto prezzo è quello con cui, a stima ordinaria, sarebbesi potuta acquistare la cosa, e questa misura corrisponde al voto della legge, interpretando l'intenzione del testatore; l'erede deve trovarsi nella medesima condizione in entrambi i casi, e nella medesima condizione deve pur trovarsi il legatario acquirente: or l'erede acquistando, avrebbe disborsato 1000, e 1000 dunque deve dare, non meno, ma neppur di più: il legatario, 1000 avrebbe avuto in natura, 1000 abbia dunque in danaro.
Il giusto prezzo può fissarsi con tutti i mezzi che sono di diritto comune.[37]

[37] ***Pacifici Mazzoni***, Il Codice Civile Italiano Commentato (Torino, 1929), Vol.XI, §20.

33. ***Borsari*** wkoll jagħti fehmiet simili: «*Valido peranto il legato, la legge si dà cura di tracciarne la esecuzione. Se la formola alternativa non fosse cosi chiaramente espressa, potrebbe credersi che l'erede per prima cosa dovrebbe far opera diligente presso il proprietario, onde ottenere la cosa, oggetto della disposizione e consegnarla al legatario. Ciò era ordinato nel diritto romano e parmi non senza ragione, imperocchè a quale scopo lasciare il bene di un terzo se non vi si annettesse qualchè motivo di speciale predilezione del legatario medesimo? E allora perchè dispensare l'erede da un tentativo qualsiasi per consegnare la cosa, il che solo potrebbe dare piena soddisfazione alla volontà del testatore? Ma l'alternativa è semplice, e i termini della legge non lascano alcun dubbio. Legare la cosa altrui, con la scienza dichiarata di non esserne proprietario, equivale al legare il prezzo*»[38].

34. Issa fejn l-oġġett tal-legat ikun proprjetà tal-eredi stess, l-eredi ma jkollux aktar l-għażla bejn li jikseb l-oġġett biex jgħaddih lil-legatarju jew inkella jħallas lil-legatarju l-valur ġust tiegħu. Minflok, l-eredi jkollu l-obbligu – la darba huwa aċċetta l-eredità – li jgħaddi dik il-ħaġa lil-legatarju, kif ordna it-testatur. Fuq kollox:

> L'erede è personalmente tenuto di pien diritto a pagare i debiti e pesi dell'eredità. Per debiti e pesi s'intendono tutte le obbligazioni che gravavano sulla persona e il patrimonio del defunto e quelle che il defunto ha imposto all'erede come a suo successore e rappresentante.[39]

35. Tal-istess pożizzjoni hija l-ġurisprudenza tagħna. Kif ġie miżmum fid-deċiżjoni ***Agnes Borg vs. Charles Zammit et*** (Prim'Awla, 20 ta' Mejju 2004): «*Inoltre, minn qari ta' dan l-artikolu, jidher ċar li l-werrieta jkollhom dik l-għażla f'każ biss li l-oġġett ma jkunx ġia fil-pussess tagħhom, għax hu f'dak il-każ biss li huma jistgħu jeżerċitaw l-għażla billi jew jakkwistaw l-oġġett jew iħallsu l-valur tiegħu. Jekk l-oġġett ikun ġia fil-pussess tagħhom, huma jitqiesu li jkunu ġia "akkwistawh" u kwindi ma tistax tiġi invokata l-alternattiva li jħallsu l-valur tal-istess oġġett. L-oġġett ta' legat li jkun fil-mument tal-mewt tat-testatur, fil-*

[38] Commentario del Codice Civile Italiano (Torino, 1874), Vol.III, Pte I, §1793.
[39] ***Pacifici Mazzoni***, Istituzioni di Diritto Civile (Firenze, 1889), Vol.VI, §229.

*possess tal-werrieta, irid jiġi konsenjat lil-legatarju u, f'dawk iċ-ċirkustanzi, il-werrieta ma jkollux l-għażla kontemplata fl-artikolu 696 tal-Kodiċi Ċivili*»[40]. U ***Cremona*** kiteb: «*Se poi il fondo legato era di comproprietà fra il testatore e l'erede, il legatario ha il diritto di ripetere tutto il fondo*»[41].

36. Il-fatt li l-attriċi irrinunzjat għall-eredità ta' missierha ma jinċidix fuq il-jedd tagħha li teżiġi l-ħlas tal-legati mħollija lilha fit-testment tiegħu. Kemm hu hekk, l-artikolu 620(5) tal-Kodiċi Ċivili jgħid hekk:

> Il-persuna li jkollha jedd għas-sehem riżervat għandha tieħu akkont tas-sehem tagħha kull beni mħollija lilha b'testment u ma tista' tirrinunzja għal ebda dispożizzjoni testamentarja favur tagħha u titlob is-sehem riżervat, sakemm dik id-dispożizzjoni testamentarja ma ssirx f'użufrutt jew tkun tikkonsisti fil-jedd ta' użu jew abitazzjoni, jew tkun tikkonsisti f'renta vitalizja jew renta għal żmien limitat.

37. Din id-dispożizzjoni żdiedet bl-Att XVIII tal-2004. Jidher li t-tifsira mogħtija mill-ġurisprudenza hija fis-sens li persuna tista' tirrinunzja għall-eredità u titlob is-sehem riżervat, iżda ma tistax tirrinunzja għal xi legat u żżomm il-jedd tas-sehem riżervat biss (ara per eżempju ***Raymond Galea pro et noe et vs. Peter Paul Galea***, Qorti t'Għawdex, 17 ta' Novembru 2015)[42]. Fuq kollox, l-artikolu 621 tal-Kodiċi Ċivili huwa ċar fis-sens li kull min għandu jedd għas-sehem riżervat għandu l-jedd li ma joqgħodx għad-dispożizzjonijiet testamentarji u jitlob dak is-sehem minflok. Il-lokuzzjoni tal-artikolu 620(5) tirreferi – qabel id-divjet ta' rinunzja «għal ebda dispożizzjoni testamentarja» - għal laxxiti ta' «beni mħollija b'testment», li hija riferenza għal ġid partikolari aktar milli għal xi laxxitu universali bħal ma hija n-nomina ta' eredi. Barra minn hekk, l-artikolu 861 tal-Kodiċi Ċivili jagħmilha ċara li: «*…il-werriet jista', fl-att tar-rinunzja, iżomm il-jedd għas-sehem riżervat tal-beni illi, skont id-dispożizzjonijiet tal-artikoli 614 sas-653, ikunu jmissu lilu*». Dispożizzjoni din li tkun reża ineffikaċi kieku l-artikolu

[40] Fl-istess sens hija d-deċiżjoni ***Maria Theresa sive Marthese Cachia et vs. Salvinu Caruana et*** (Appell Superjuri, 15 ta' Novembru 2023).
[41] La Giurisprudenza sul Codice Civile di Malta e sue Dipendenze, Vol.II, pġa.396.
[42] B'sentenza tal-25 ta' Frar 2021, il-Qorti tal-Appell varjat is-sentenza tal-ewwel istanza iżda mhux għal raġunijiet li iddisturbaw l-interpretazzjoni mogħtija lill-artikolu 620(5).

620(5) kellu jinftiehem li min jirrinunzja għall-eredità, għax «irrinunzja għal dispożizzjoni testamentarja», ma jistax jitlob is-sehem riżervat.

38. Barra minn hekk, l-artikolu 862(2) tal-Kodiċi Ċivili jgħid ukoll li: «*Iżda, ir-rinunzja tiegħu ma ttellfux il-jedd li jitlob il-legati mħollija favur tiegħu*».

39. Għalhekk isegwi li t-talbiet tal-attriċi għall-ħlas tal-legat imħolli lilha fit-testment ta' missierha għandhom jiġu akkolti.

*Il-ħlas tal-legat imħolli lill-konvenuta*

40. Fl-istess testment, it-testatur ħalla lill-konvenuta prelegat konsistenti fid-depożiti bankarji kif ukoll fid-dar residenzjali tiegħu.

41. Ma jidhirx li hemm kwistjonijiet dwar il-legat tad-depożiti bankarji. Mill-provi li hemm fl-atti, dawn jidher li huma flus li jappartjenu lit-testatur u li għalhekk setgħu jiġu mħollija minnu lil min xtaq hu.

42. Huwa minnu li l-kontendenti, bħala eredi tal-omm, wirtu sehmha mill-flus li kien hemm fil-komunjoni tal-akkwisti fiż-żmien tal-mewt tagħha. B'danakollu m'hemmx provi fl-atti dwar l-eżistenza ta' dawn il-flus, li f'kull każ kienu soġġetti għall-użufrutt favur it-testatur Giuseppi Mercieca. Huwa probabbli li dawk il-flus, jekk kienu jeżistu, ġew konsumati minn Giuseppi Mercieca matul ħajtu, u għalkemm l-użufruttwarju – jew il-werrieta tiegħu – huma fid-dmir li jirrestitwixxu lis-sid għeri l-oġġett tal-użufrutt (jew l-ekwivalenti tiegħu fejn dak l-oġġett kien konsumabbli jew funġibbli) mat-tmiem tal-użufrutt[43], dik hija azzjoni oħra differenti minn dik li għandha quddiemha l-Qorti llum.

43. Għalhekk it-talbiet tal-konvenuta dwar id-depożiti bankarji huma fondati.

44. Il-pożizzjoni hija differenti ferm fir-rigward tal-prelegat tal-immobbli.

---

[43] Artikolu 329 tal-Kodiċi Ċivili. Ara ***Licia Borg vs. HSBC Bank Malta plc et***, Appell Superjuri, 17 ta' Marzu 2021.

45. Kif rajna, il-legat ta' ħaġa ta' ħaddieħor huwa validu kemm-il darba t-testatur fit-testment stess jiddikjara li huwa jaf li dik il-ħaġa mhux tiegħu. Din hija ħtieġa li kienet imposta fil-liġijiet aktar moderni biex tiġi eliminata l-qagħda taħt id-dritt Ruman li kienet tippermetti l-validità ta' legat bħal dak anki jekk ix-xjenza tat-testatur tirriżulta minn provi oħrajn esterni għat-testment innifsu.

46. Rajna wkoll li dan ix-xorta ta' legat – bħal kull legat ieħor, mill-bqija – jikkostitwixxi obbligazzjoni fuq l-eredi. Issa l-eredi ta' Giuseppe Mercieca huma l-attriċi u l-konvenuta. L-attriċi iżda rrinunzjat għal dik l-eredità.

47. L-artikolu 862(1) tal-Kodiċi Ċivili jipprovdi li:

> Il-werriet li jirrinunzja jitqies bħallikieku ma kien qatt werriet.

48. Huwa risaput li d-devoluzzjoni ta' kull eredità tikkonsisti minn żewġ stadji distinti. L-ewwel stadju, magħrufa bħala *delatio hereditatis*, tirreferi għall-mewt tad-*de cuius* u l-konċepiment tad-dritt tal-eredi nominat li jirċievi l-eredità. It-tieni stadju huwa msejjaħ *aditio hereditatis*, u jiġi fis-seħħ biss meta l-eredi nominat jagħżel li jaċċetta u jirċievi dik l-eredità[44]. Fejn l-eredi jagħżel li ma jaċċettax dik l-eredità, huwa jitqies li qatt ma kien eredi.

49. Fil-każ odjern, ma jidhirx li t-testatur għamel dispożizzjonijiet li jaħsbu għall-każ li xi ħadd mill-werrieta ma jaċċettax l-eredità, bħal ma huma per eżempju dispożizzjonijiet dwar is-sostituzzjoni volgari. Kien biss fil-każ tal-legati li ddaħħal id-dritt tas-sostituzzjoni volgari favur l-ulied tal-legatarji. Fis-silenzju tat-testatur, jgħodd dak li jipprovdi l-artikolu 737 tal-Kodiċi Ċivili:

> Bla ħsara tad-dispożizzjonijiet tal-artikolu 745 u tal-artikolu 866, meta żewġ persuni jew iżjed huma istitwiti jew imsejħin flimkien għall-wirt jew għal-legat, u xi waħda minnhom tmut qabel it-testatur, inkella ma tkunx kapaċi li tirċievi, jew tirrinunzja għall-wirt jew għal-legat, jew ma jkollhiex jedd għalih billi ma tkunx ġrat il-kondizzjoni li

[44] Ara ***Il Nuovo Digesto Italiano***, taħt il-vuċi «*Successione*», §7 *et sequitur*.

> taħtha kienet hekk istitwita jew imsejħa, is-sehem ta' din il-persuna, bl-obbligi u l-piżijiet li jkun hemm miegħu, jiżdied ma' dak tal-werrieta jew legatarji l-oħra.

50. Kif ġie osservat fid-deċiżjoni ***Marianna Debono vs. Avvocato Dr. Antonio Caruana et noe*** (Appell Superjuri, 23 ta' Frar 1940)[45]:

> …id-dritt ta' l-akkrexximent ma jiddipendix biss mill-kwalità ta' ko-eredi, imma l-liġi espressament tiddisponi (Art.435 Ord. VII, 1868) li :- "When two or more persons *have been conjointly called to an inheritance or to a legacy,* and any one of them dies before the testator … the portion of such person … accrues to that of the other co-heirs or co-legatees…". Għalhekk id-dritt tal-akkrexximent jivverifika ruħu meta jkun hemm kjamata konġuntiva, u n-nies hekk imsejħin mhumiex ko-eredi għar-raġuni li jsir favur tagħhom l-akkrexximent u għaliex huma kjamati konġuntivament, imma li hemm lok ta' akkrexximent għaliex huma ko-eredi u inoltri huma kjamati konġuntivament ma' dak li miet jew irrinunzja. Il-kelma "ko-eredi" għall-fini ta' l-akkrexximent hija limitata mill-kondizzjoni li tinsab fil-bidu ta' l-artikolu fuq riportat, jiġifieri "conjointly called to an inheritance or to a legacy". F'dawn il-każi il-liġi tinterpreta il-volontà tad-*decuius* li jkun irid li l-kwota tal-eredità tiġi konsegwita minn dawk li huwa ikkunsidra bħala ħaġa waħda, u għalhekk sejħilhom konġuntament.

51. Dan ifisser li hekk kif l-attriċi rrinunzjat għall-eredità ta' missierha, hija ma baqgħetx titqies bħala werrieta tiegħu, u minflok – la darba t-testatur ma provdiex għas-sostituzzjoni volgari – sehmha bħala werrieta akkrexxa favur il-konvenuta, kompriżi l-obbligazzjonijiet u l-jeddijiet kollha inklużi f'dak is-sehem.

52. U la darba il-legat ta' ħaġa ta' ħaddieħor huwa obbligazzjoni fuq l-eredi, u l-attriċi mhux eredi, mela allura jsegwi li l-konvenuta ma tistax tippretendi mingħand l-attriċi il-konsegwiment tal-oġġett tal-legat, għaliex l-attriċi m'għandhix l-obbligu li tipprestalha dak l-oġġett.

53. F'dan is-sens hija l-ġurisprudenza tagħna (ara ***Grezzju Mifsud et vs. Giorgia Mifsud et***, Prim'Awla, 10 t'April 2003, kif ukoll ***Maria Theresa sive Marthese Cachia et vs. Salvinu Caruana et***, Appell Superjuri, 15 ta' Novembru 2023).

[45] Kollezz. Vol.XXX.i.481. Il-bran ċitat huwa mid-deċiżjoni tal-ewwel istanza, li ġiet ikkonfermata fl-appell.

54. Għalhekk it-talbiet tal-konvenuta għall-ħlas tal-prelegat tal-immobbli ma jistgħux jintlaqgħu, kif mill-bqija tirrikonoxxi hija stess fin-nota ta' sottomissjonijiet tagħha[46].

*Dwar is-sehem riżervat li jmiss lill-attriċi*

55. L-attriċi qed titlob ukoll il-ħlas tas-sehem riżervat.

56. Kif ġie osservat fid-deċiżjoni ***Frances Curmi vs. Mary Jane Farrugia*** (Appell Superjuri, 7 t'April 2025):

> Madankollu din il-Qorti sejra tagħmel tagħha dak ikkunsidrat mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fil-kawża fl-ismijiet **Carmelo Bonnici vs Raymond Bonnici et**, deċiża nhar il-15 ta' Lulju 2024 (mhux appellata), fejn dik il-Qorti spjegat għaliex għandu jittieħed il-valur tal-proprjetà fiż-żmien li tkun infetħet is-suċċessjoni, għall-suċċessjonijiet miftuħa wara l-emendi li seħħu fl-2004 fil-liġi tas-suċċessjoni:
>
> *"59. Din il-Qorti diġà osservat li l-ġurisprudenza taħt il-liġi l-antika kienet tapplika l-prinċipju li l-leġittima tiġi likwidata skont il-valuri l-aktar qrib iż-żmien tal-likwidazzjoni meta d-dritt tal-leġittimarju, li oriġinarjament kien dritt in natura fuq il-beni tal-mejjet, ikollu jiġi konvertit fi dritt ta' kreditu minħabba l-vjolazzjoni tad-drittijiet tal-leġittimarju. Huwa proprju għalhekk li dik il-ġurisprudenza kienet qed tapplika l-valur fiż-żmien tal-konverżjoni tad-dritt tal-leġittima minn dritt in re għal dritt ta' kreditu, u dan sabiex il-leġittimarju ma jiġix preġudikat. Wieħed irid iżomm f'moħħu li l-leġittimarju kellu dak iż-żmien il-jedd li jieħu l-leġittima in natura u b'hekk jibbenefika minn kull żieda fil-valur tal-ġid tal-wirt prevalenti fiż-żmien tal-assenjazzjoni. Jekk dik l-assenjazzjoni in natura tiġi vjolata jew preġudikata mill-werrieta jew mit-testatur, il-leġittimarju jkollu jitħallas bi flus. Sabiex dan isir, id-dritt tiegħu in re fuq il-beni tal-wirt jiġi konvertit fi kreditu. U sabiex dak il-kreditu jkun jirrifletti s-sehem tal-leġittimarju li, sa qabel dik il-konverżjoni, kien wieħed in re, il-ġurisprudenza stabbiliet il-prinċipju li dak il-kreditu jiġi likwidat b'riferenza għaż-żmien tal-likwidazzjoni, inkella jiġi preġudikat id-dritt tal-leġittimarju.*
>
> *60. Iżda dan kollu, wara l-emendi mwettqa bl-Att XVIII tal-2004, ma baqax jgħodd għaliex mal-mewt tad-de cuius, id-*

[46] Ara l-paragrafu għoxrin ta' dik in-nota.

> *dritt li jikseb il-leġittimarju huwa minnufih dritt ta' kreditu li jakkrexxi ruħu bl-imgħax u mhux biż-żieda fil-valur tal-beni tal-wirt. Ma ssir ebda konverżjoni fid-dritt tal-leġittimarju u allura l-prinċipju tal-aestimatio rei ma jsib ebda applikazzjoni taħt il-liġi l-ġdida.*
>
> *61. Għalhekk il-Qorti se tkun qed tikkomputa s-sehem riservat spettanti lill-attur billi tqis il-valur tal-assi li kienu jappartjenu lit-testatur fiż-żmien tal-mewt tiegħu, filwaqt li l-ġid donat minnu matul ħajtu se jiġi valutat skont iż-żmien tad-donazzjoni. Il-Qorti se tkun qed tistrieħ fuq il-valuri ndikati mill-perit tekniku nkarigat minnha u se tiskarta dawk il-valuri stmati minn periti mqabbdin mill-kontendenti, flimkien jew mhux. Dan għaliex il-prova mwettqa permezz ta' perizja teknika m'għandhiex titwarrab leġġerment, u lil din il-Qorti ma nġabitilha ebda raġuni li tiġġustifika mod'ieħor kif għandha tipproċedi."*

57. Skont l-artikolu 620(2) tal-Kodiċi Ċivili: «*Is-sehem riżervat jiġi kalkolat fuq l-assi kollu, wara li jitnaqqsu d-djun tal-assi u l-ispejjeż tal-funerali*».

58. Mill-provi rriżulta l-attiv li ġej:

- nofs indiviż tad-dar residenzjali, stmata fiż-żmien tal-ftuħ tas-suċċessjoni b'valur ta' €92,500;
- nofs indiviż tal-garaxx, stmat fiż-żmien tal-ftuħ tas-suċċessjoni b'valur ta' €16,000;
- qabar li ma ġiex stmat mill-perit tekniku, iżda ġie akkwistat bil-valur ta' €5,000, li huwa l-valur li se tqis il-Qorti
- depożiti bankarji fl-ammont kumplessiv ta' €48,529;

Total: €162,029

59. Il-Qorti qed taċċetta li mill-provi rriżulta s-segwenti passiv tal-ereditā:

- is-somma ta' €41.28 imħallsa għall-kontijiet ta' dawl u ilma tal-proprjetà tat-testatur;
- ħlas ta' taxxa fis-somma ta' €462[47];
- is-somma ta' €45.18 rappreżentanti rifużjoni tal-pensjoni tas-servizz;

[47] Fol.234-235.

- is-somma ta' €1,875.90 rappreżentanti l-ispejjeż tal-funeral[48].

Total: €2,424

60. L-ammonti l-oħrajn indikati mill-konvenuta bħala passiv mhux qed jiġu aċċettati mill-Qorti għar-raġunijiet li diġà ġew imfissrin aktar qabel. Fir-rigward tal-flus li l-konvenuta ħallset dwar quddisiet għal ruħ it-testatur u ommha, il-Qorti jidhrilha li anki jekk dawn l-ispejjeż saru minnha b'animu piju u b'ġieħ il-ġenituri defunti, dawn l-ispejjeż ma jistgħux jitqiesu bħala djun tal-assi tal-eredità fit-termini tal-liġi. Dan partikolarment meta wieħed iqis li din l-ispiża qed issir mill-konvenuta fuq ordni verbali ta' missierha, u mhux in ottemporanza ta' xi obbligu li ġie mpost fit-testment. Kif ġie rilevat fid-deċiżjoni ***Michel'Angelo Grima ed altri vs. Maria Camilleri*** (Appell Superjuri, 28 ta' Marzu 1884)[49]:

> Che, secondo la legge, … non si può disporre nè della eredità sia in tutto, sia in parte, nè di somme di denaro, o cose particolari appartenenti alla eredità; fuorchè per testamento, per mezzo cioè, di una scrittura fatta nella forma dalla legge stessa stabilita …; e, quindi, ogni disposizione causa mortis deve risultare da quella scrittura, e non risultandone, non si può farla sortire da prove estrinseche alla scrittura medesima

61. Dan jgħodd ukoll għall-ħlas tas-somma ta' €24,000 li l-konvenuta tgħid li għamlet lil żewġha bħala ħlas għall-prestazzjoni ta' serviġi.

62. It-testment ta' Giuseppe Mercieca ma jgħid xejn dwar rimunerazzjoni lil min renda xi serviġi favur tiegħu. Dan apparti l-fatt li Paul Cini xehed bl-aktar mod kategoriku li kull servizz li hu presta lil Giuseppe Mercieca huwa għamlu minn qalbu. Din il-Qorti kif impoġġija kellha l-okkażjoni riċentement li tosserva kif ġej dwar il-materja ta' serviġi bejn familjari:

> Mill-ġurisprudenza li diġà ġiet iċċitata aktar qabel f'din id-deċiżjoni, jirriżulta li l-pożizzjoni attwali hija li anki meta s-serviġi jiġu reżi bejn familjari hemm il-preżunzjoni li dawk is-serviġi ġew reżi bit-tama ta' kumpens. Din il-preżunzjoni

[48] Fol.241-242.
[49] Kollezz. Vol.X.437.

> tibqa' tgħodd sakemm il-provi ma jurux li **fiż-żmien li fih ġew reżi dawk is-serviġi**, min ipprestahom kien qed jaġixxi mingħajr l-intenzjoni li jikseb xi kumpens. Loġikament jekk min jirrendi serviġi ikun qed jaġixxu b'animu ta' liberalità, ma jistax imbagħad wara jippretendi ħlas.[50]

63. Barra minn hekk mix-xiehda tal-konvenuta stess irriżulta li Giuseppe Mercieca kien jissomministra ħlas regolarment għas-serviġi mogħtija lilu. U għalkemm ingħad li dak il-ħlas kien ikopri biss l-ispejjeż inkorsi, ebda provi dwar dawn l-ispejjeż ma nġiebet mill-konvenuta sabiex jintwera jekk dawn l-ispejjeż kienux dejjem jeċċedu l-ammont perjodiku li kien jitħallas minn missierha.

64. Dan kollu qed jingħad riferibbilment sabiex jiġi deċiż jekk dan il-ħlas għandux jikkostitwixxi dejn tal-eredità ta' Giuseppe Mercieca jew le. Il-provi ma jissuffragawx dik il-pożizzjoni. Naturalment, Paul Cini mhux parti f'din il-kawża u għalhekk din id-deċiżjoni lilu ma torbtux. Il-Qorti qegħda biss tiddeċiedi li fil-kuntest tal-likwidazzjoni tas-sehem riżervat li jmiss lill-attriċi, il-pretensjoni ta' Paul Cini kontra dik l-eredità ma tistax tiġi kkunsidrata.

65. Dan kollu jfisser illi s-sehem riżervat għandu jinħadem fuq il-valur kumplessiv ta' €159,605.

66. Skont l-artikolu 616(1) tal-Kodiċi Ċivili, is-sehem riżervat li jmiss lill-ulied Giuseppe Mercieca huwa terz indiviż, li minnu l-attriċi għandha nofs, u kwindi sesta parti. Mela s-sehem riżervat dovut lill-attriċi jammonta għal €26,600.

67. Minn dan l-ammont, irid jitnaqqas il-legat li Giuseppe Mercieca ħalla lill-attriċi, kif irid l-artikolu 620(4). Dak il-legat huwa ta' tliet kwarti indiviżi tal-garaxx, u ċjoè nofs indiviż li kien jappartjeni lil Giuseppe Mercieca u kwart indiviż li kien jappartjeni lill-konvenuta u li hija obbligata tgħaddi lill-attriċi. Il-valur stmat mill-perit tekniku għal tliet kwarti indiviżi ta' dak il-fond huwa ta' €24,000.

68. Għalhekk il-konvenuta baqgħalha tħallas lill-attriċi s-somma ta' €2,600.

---

[50] ***Maria Concetta sive Connie Cauchi et vs. Emanuel Mizzi et***, Prim'Awla, 27 ta' Marzu 2025. Mhux appellata.

69. L-attriċi qed titlob ukoll l-imgħax fuq is-sehem riżervat.

70. L-artikolu 615(2) tal-Kodiċi Ċivili jgħid hekk dwar l-imgħax:

> … Mgħaxijiet bir-rata stabbilita fl-artikolu 1139 għandhom jiġu miżjuda ma' dak il-kreditu mid-data tal-ftuħ tas-suċċessjoni jekk is-sehem riżervat jintalab fi żmien sentejn minn dik id-data, jew mid-data tan-notifika ta' att ġudizzjarju jekk it-talba ssir wara li jkun għadda dak il-perjodu ta' sentejn:
> Iżda l-Qorti tista', fejn iċ-ċirkostanzi tal-każ hekk jeħtieġu, tiddeċiedi li ma jingħatax imgħax jew tistabbilixxi rata ta' imgħax li tista' tkun inqas minn dik stipulata fl-artikolu 1139.

71. Huwa fatt li l-attriċi talbet is-sehem riżervat fi żmien sentejn mill-ftuħ tas-suċċessjoni, u għalhekk l-imgħax għandu jitqies li jgħaddi favur tagħha. Il-Qorti tqis li l-imgħax għandu jitqies li jgħaddi fuq is-somma sħiħa dovuta lill-attriċi, u mhux il-bilanċ ta' €2,600. Dan għaliex sallum il-legat li bih se jkun tħallas parti mis-sehem riżervat dovut lill-attriċi għadu ma ġiex formalment konsenjat lilha, u għalhekk l-ammont sħiħ għadu dovut, u se jibqa' dovut sakemm tiġi eżegwita din is-sentenza.

72. Fin-nota ta' sottomissjonijiet tagħha l-konvenuta tgħid illi hija qatt ma riedet iċċaħħad lill-attriċi minn dak li huwa tagħha, tant li l-pussess materjal tal-oġġett tal-legat imħolli lill-attriċi ilu f'idejha minn meta miet missierhom. Dan però ma kellux jiġi sollevat fin-nota ta' sottomissjonijiet imma fir-risposta ġuramentata, u permezz tal-provi opportuni. Il-pożizzjoni li l-konvenuta ħadet mill-bidu tal-kawża kienet waħda ta' oppożizzjoni għat-talbiet t'oħtha, u għalhekk il-kunsinna tal-legat ma tistax titqies li tkun saret ħlief bl-eżekuzzjoni ta' din is-sentenza.

73. Għal dawn ir-raġunijiet il-Qorti qegħda taqta' u tiddeċiedi din il-kawża billi:

(i) dwar l-azzjoni prinċipali dedotta mill-attriċi:

a) tiċħad l-eċċezzjonijiet tal-konvenuta;

b) tilqa' l-ewwel talba fis-sens illi tiddikjara li l-garaxx bin-numru mitejn u erbgħa (204), illum mitejn u sitta (206), fi Triq il-Vittorja fil-Ħamrun għandu jiġi trasferit lill-attriċi kif se jingħad aktar 'il quddiem;

c) tilqa' t-tieni talba kif dedotta;

d) tilqa' t-tielet talba kif dedotta;

e) tilqa' r-raba' talba billi tillikwida s-sehem riżervat li jmiss lill-attriċi fis-somma ta' sitta u għoxrin elf u sitt mitt Ewro (€26,600);

f) tilqa' l-ħames talba u tordna lill-konvenuta sabiex taddivjeni għall-att pubbliku ta' trasferiment tal-kwart indiviż li l-konvenuta wirtet mingħand ommha tal-fond bin-numru mitejn u erbgħa (204), illum mitejn u sitta (206), fi Triq il-Vittorja fil-Ħamrun, kif ukoll għall-att pubbliku ta' immissjoni fil-pussess tan-nofs indiviż tal-istess fond li kien jappartjeni lill-missier;

g) tilqa' s-sitt talba u tikkundanna lill-konvenuta tħallas lill-attriċi s-somma ta' elfejn u sitt mitt Ewro (€2,600), bilanċ mis-sehem riżervat spettanti lilha kif likwidat aktar qabel.

   In kwantu għall-imgħax, il-Qorti tordna li l-konvenuta tħallas l-imgħax legali fuq is-somma ta' sitta u għoxrin elf u sitt mitt Ewro (€26,600) mill-25 ta' Frar 2021 sal-jum tal-ħlas effettiv, b'dan li l-imgħax għandu jiddekorri fuq il-bilanċ ta' elfejn u sitt mitt Ewro (€2,600) minn dakinhar li jsiru l-atti pubbliċi ordnati b'din is-sentenza, jekk dik is-somma ma tkunx għadha tħallset;

h) tipprovdi dwar is-seba' talba billi taħtar lin-Nutar Pubbliku Ritienne Bugeja Fenech sabiex tippubblika l-atti ordnati b'din is-sentenza, u dan fit-22 t'Awwissu 2025 fid-9am fil-bini tal-Qorti, jew inkella f'jum, ħin u lok oħrajn li jistgħu jingħataw minn din il-Qorti fuq talba b'rikors min-nutar nominat;

i) tipprovdi dwar it-tmien talba billi taħtar lill-Avukat Thomas Bartolo bħala kuratur deputat għal kwalsiasi kontumaċi fuq l-atti pubbliċi ordnati b'din is-sentenza;

j) tordna illi l-konvenuta tħallas l-ispejjeż kollha tal-azzjoni prinċipali, kompriżi dawk tal-ittra uffiċċjali tal-21 ta' Ġunju 2019;

(ii) dwar ir-rikonvenzjoni dedotta mill-konvenuta:

a) tilqa' l-eċċezzjonijiet tal-attriċi sa fejn huma kompatibbli ma' dak ikkunsidrat f'din is-sentenza;

b) tilqa' l-ewwel talba kif dedotta;

c) tiċħad it-talbiet rimanenti kollha tal-konvenuta;

d) billi l-ewwel talba rikonvenzjonali ma kinitx bżonnjuża in kwantu ma kienx hemm kontestazzjoni bejn il-kontendenti dwar il-meritu ta' dik it-talba, huwa xieraq li l-ispejjeż tar-rikonvenzjoni tbatihom ukoll il-konvenuta.

Onor. Mark Simiana, LL.D
Imħallef

Deputat Reġistratur